17/02/2012

**Frażijiet Komuni ta' Referenza**

**1. Tifsiriet ġenerali**

(a) 'titoli ta' dejn' tfisser il-*Bonds* u kull kont ieħor, *bonds*, *debentures***,** noti jew titoli ta' dejn oħra maħruġa mill-Emittent f'waħda jew aktar minn serje b'maturità iddikjarata oriġinali ta' aktar minn sena, u tinkludi kull obbligazzjoni irrispettivament mill-maturità oriġinali iddikjarata, li qabel kienet tikostitwixxi parti komponenti tat-titolu ta' dejn.

(b) 'obbligazzjoni ta' tip kupuni-żero' tfisser titolu ta' dejn li espressament ma jipprovidx għall-akkumulu ta' imgħax, u jinkludi dawk il-partitijiet komponenti tat-titolu ta' dejn li qabel kienu espressament jipprovdu għall-akkumulu ta' imgħax jekk dik il-parti komponenti ma kinietx fiha nnifisha espressament tipprovdi għall-akkumulu ta' imgħax.

(ċ) 'obbligazzjoni konnessa ma' indiċi' tfisser titolu ta' dejn li jipprovdi għall-ħlas ta' ammonti addizzjonali konnessi ma' tibdiliet f'indiċi pubblikat, iżda ma jinkludix parti komponenti ta' obbligazzjoni konnessa ma' indiċi li m'għadhux mehmuż ma' dik l-obbligazzjoni konnessa ma' indiċi.

(d) 'serje' tfisser parti ta' titolu ta' dejn, flimkiem ma' kull parti jew partijiet oħra tat-titoli ta' dejn li fir-rigward ta' xulxin u ta' parti oriġinali tat-titolu ta' dejn huma (i) identiċi fl-aspetti kollha bl-eċċezzjoni tad-data ta' ħruġ tagħhom jew tad-data tal-ewwel pagament, u (ii) espressi bħala konsolidati u jiffurmaw serje singola, u jinkludu l-*Bonds* u kull ħruġ ieħor ta' *bonds*.

(e) 'pendenti' fir-rigward ta' xi *bond* tfisser *Bond* li jkun pendent għall-għanijiet tat-Taqsima 2.7, u fir-rigward ta' titoli ta' dejn ta' kull serje oħra tfisser titolu ta' dejn li huwa pendenti għall-għanijiet tat-Taqsima 2.8.

(f) 'modifika' fir-rigward ta' *Bonds* tfisser kull modifka, emenda, suppliment jew tneħħija tat-termini u l-kondizzjonijiet tal-*Bonds* jew kull ftehim li jirregola l-ħruġ jew l-amministrazzjoni tal-*Bonds*, u għandha l-istess tifsira fir-rigward ta' titoli ta' dejn ta' kull serje oħra ħlief li kull waħda mir-referenzi kollha preċedenti għall-*Bonds* jew f'kull ftehim li jirregola l-ħruġ u l-amministrazzjoni tal-*Bonds* għandha tinqara bħala referenza għat-titoli ta' dejn oħra jew kull ftehim li jirregola l-ħruġ jew l-amministrazzjoni ta' dawk it-titoli ta' dejn oħra.

(g) 'modifika *cross-series'* tfisser modifika li tinvolvi (i) il-*Bonds* jew kull ftehim li jirregola l-ħruġ jew l-amministrazzjoni tal-*Bonds*, u (ii) t-titoli ta' dejn ta' waħda jew aktar minn serje oħra jew kull ftehim li jirregola l-ħruġ u l-amministrazzjoni ta' dawn it-titoli ta' dejn oħra.

(h) 'materja riżervata' fir-rigward tal-*Bonds* tfisser kull modifika tat-termini u tal-kondizzjonijiet tal-*Bonds* jew ta' kull ftehim ieħor li jirregola l-ħruġ u l-amministrazzjoni tal-*Bonds* li;

i. jibdel id-data li fiha kull ammont irid jiħallas fuq il-*Bonds*;
ii. inaqqas kull ammont, inkluż ammont li suppost sar**,** pagabbli fuq il-*Bonds*;
iii. jibdel l-ammont użat li bih kull ammont pagabbli fuq il-*Bonds* jiġi kkalkulat;

iv. jitnaqqas il-prezz ta' fidi għall-*Bonds* jew jibdel xi data li fiha l-*bonds* jistgħu ikunu mifdija[1];
v. jibdel il-munita jew post fejn iseħħ il-ħlas ta' kull ammont pagabbli fuq il-*bonds*;
vi. jimponi xi kondizzjoni fuq jew xort'oħra jimmodifika l-obbligazzjoni tal-Emittent sabiex jagħmel ħlasijiet fuq il-*bonds*;
vii. ħlief kif permess minn kull garanzija relatata, ir-rilaxx ta' kull garanzija maħruġa fir-rigward tal-*Bonds* jew bidla fit-termini tal-garanzija[2];
viii. ħlief kif permess minn kull ftehim ta' titolu ta' sigurtà, ir-rilaxx ta' kull kollaterali li hija mirħuna jew imposta bħala titolu ta' sigurtà għall-ħlas tal-*Bonds* jew jibdel it-termini fuqhom dawk il-kollaterali huwa mirħun jew impost[3];
ix. jibdel xi ċirkostanza li għandha x'taqsam ma' pagament li taħtha l-*Bonds* jistgħu jiġu dikjarati dovuti u pagabbli qabel l-maturità dikjarata[4];
x. bidla fl-importanza jew gradazzjoni tal-*Bonds;*
xi. bidla fil-ligi li tirregola l-*Bonds*[5]*;*
xii. jibdel xi qorti li l-Emittent ikun issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tagħha jew kull immunità mneħħija mill-Emittent fir-rigward ta' proċeduri legali li jinħolqu jew huma konnessi mal-*Bonds*[6]*;*
xiii. jibdel l-ammont prinċipal tal-*Bonds* pendenti jew, fil-każ ta' modifika *cross – series*, l-ammont prinċipali tat-titolu ta' dejn ta' xi serje oħra meħtieġa sabiex tiġi approvata l-modifika proposta fir-rigward tal-*Bonds*, l-ammont prinċipali l-*Bonds* pendenti meħtieġa sabiex ikun hemm *quorum*, jew ir-regoli sabiex jiġi determinat jekk *Bond* huwiex pendenti għal dawn l-għanijiet; jew
xiv. jibdel it-tifsira ta' materja riżervata.

U għandha l-istess tifsira fir-rigward ta' titoli ta' dejn ta' xi serje oħra ħlief li f'kull waħda mir-referenzi fuq imsemmija għall-*Bonds* jew kull ftehim li jirregola l-ħruġ u l-amministrazzjoni tal-*Bonds* għandha tinqara bħala referenza għat-titoli ta' dejn oħra jew kull ftehim li jirregola l-ħruġ jew l-amministrazzoni ta' dawk it-titoli ta' dejn oħra.

(i) 'detentur' fir-rigward ta' *Bonds* tfisser (il-persuna li f'isimha l-*Bond* huwa rreġistrat fuq il-kotba u r-reġistri tal-Emittent)[7] / (il-poratatur tal-*bond*)[8] / (il-persuna li l-Emittent huwa intitolat li jittratta bħala d-detentur legali tal-*Bond*)[9], u fir-rigward ta' kull titolu ta' dejn ieħor tfisser il-persuna li l-Emittent huwa intitolat jitratta bħala d-detentur legali tat-titolu ta' dejn skont il-liġi li tirregola t-titolu ta' dejn.
(ii) 'data ta' reġistrazzjoni' fir-rigward ta' kull modifika proposta tfisser id-data ffissata mill-Emittent sabiex jiġu determinati d-detenturi tal-*Bond* u, fil-każ ta' modifika *cross-series*, id-detenturi tat-titoli ta' dejn ta' kull waħda mis-serje l-

---

1 Għandha tiġi inkluża jekk il-*Bonds* jistgħu jiġu mifdija.
2 Għandha tiġi inkluża jekk il-*Bonds* huma garantiti.
3 Għandha tiġi inkluża jekk il-*Bonds* huma kollateralizzati.
4 Għandha tiġi inkluża jekk il-*Bonds* huma soġġetti għal aċċelerazzjoni.
5 Għandha tiġi inkluża jekk il-*Bonds* huma regolati minn liġi barranija.
6 Għandha tiġi inkluża, kif ikun xieraq, jekk l-Emittent issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' qorti barranija jew espressament ma enforzax l-immunità tiegħu.
7 Daħħal (soġġett għan-nota nru 9 ta' qiegħ-il paġna) jekk il-*Bonds* huma *Bonds* reġistrati, irrispettivament jekk huma miżmuna f'forma globali minn depożitarju komuni jew kustodju.
8 Daħħal (soġġett għan-nota nru 9 ta' qiegħ-il paġna) jekk il-*Bonds* huma titoli għall-portatur, irrispettivament irrispettivament jekk huma miżmuna f'forma globali minn depożitarju komuni jew kustodju.
9 Daħħal jekk skont il-liġi applikabbli l-persuna intitolata li tivvota dwar il-*Bond* fir-rigward tal-Emittent ma tkunx il-poratur tal-*Bond* jew il-persuna li f'isimha l-*Bond* huwa reġistrat fuq il-kotba u r-reġistru tal-Emittent.

oħra li huma ntitolati jivvutaw fuq jew jiffirmaw riżoluzzjoni bil-miktub fir-rigward ta' modifika proposta.

**2. Modifika ta' *Bonds***

2. Modifika ta' Materja Riżervata. It-termini u l-kondizzjonijiet tal-*Bonds* u kull ftehim li jirregola l-ħruġ jew l-amminsitrazzjoni tal-*Bonds* jistgħu jiġu modifikati fir-rigward ta' materja riżervata bil-kunsens tal-Emittent u;

(a) il-vot affermatattiv tad-detenturi ta' mhux anqas minn 75% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* pendenti rappreżentati waqt laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds* debitament msejħa; jew

(b) riżoluzzjoi bil-miktub iffirmata minn jew f'isem detenturi ta' mhux anqas minn 66 2/3% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* li jkunu pendenti f'dak iż-żmien.

2.2 Modifika *cross-series.* Fil-każ ta' modifika *cross-series*, it-termini u l-kondizzjonijiet tal-*Bonds* u t-titolu ta' dejn ta' kull serje oħra, u kull ftehim li jirregola l-ħruġ u l-amministrazzjoni tal-*Bonds* jew it-titoli ta' dejn ta' dawk is-serje l-oħra, jistgħu jkunu modifikati fir-rigward ta' materja riżervata bil-kunsens tal-Emittent u:

(a)(i) vot affermattiv ta' mhux anqas minn 75% tal-ammont totali prinċipali tat-titoli ta' dejn pendenti rappreżentati waqt laqgħat separatati debitament imsejħa tad-detenturi tat-titoli ta' dejn tas-serje kollha (meħuda fit-total) li jistgħu jkunu affettwati bil-modifika proposta; jew

(a)(ii) riżoluzzjoni bil-miktub iffirmata minn jew f'isem id-detenturi ta' mhux anqas minn 662/3% tal-ammont totali prinċipali tat-titoli ta' dejn tas-serje kollha pendenti (meħuda fit-total) li jistgħu jkunu affettwati bil-modifika proposta; u

(b)(i) vot affermattiv ta' aktar minn 66 2/3% tal-ammont totali prinċipali tat-titoli ta' dejn pendenti rappreżentati waqt laqgħat separatati debitament imsejħa tad-detenturi ta' kull waħda mis-serje ta' titoli ta' dejn, (meħuda individwalment) li jistgħu jkunu affettwati bil-modifika proposta; jew

(b)(ii) riżoluzzjoni bil-miktub iffirmata minn jew f'isem id-detenturi ta' aktar minn 50% tal-ammont totali prinċipali ta' titoli ta' dejn li jkunu pendenti f'dak iż-żmien ta' kull serje (meħuda individwalment) li jistgħu jkunu affettwati bil-modifika proposta.

Laqgħa separata għandha tissejjaħ u għandha tinżamm, jew riżoluzzjoni miktuba separata għandha tiġi ffirmata, fir-rigward tal-modifika proposta tal-*Bonds* u l-modifika proposta ta' kull wieħed mit-titoli ta' dejn tas-serje l-oħra affettwati.

---

2.3 Modifika Proposta *Cross-series*. Modifika proposta *cross-series* tista' tinkludi waħda jew aktar mill-modifiki proposti alternattivi tat-termini u l-kondizzjonijiet ta' kull waħda mis-serje affettwati tat-titoli ta' dejn jew ta' kull ftehim li jirregola l-ħruġ jew l-amministrazzjoni tas-serje affettwata tat-titoli ta' dejn, hekk iżda li dawn il-modifiki alternattivi proposti kollha għandhom ikunu indirizzati lejn u jistgħu jiġu aċċettati minn kull detentur ta' xi titolu ta' dejn tas-serje affettwata.

2.4. Modifika *Cross-series* Parzjali. Jekk modifika proposta *cross-series* mhijiex approvata skont it-Taqsima 2.2 fir-rigward tal-materja riżervata, iżda kienet tkun hekk approvata li kieku l-modifika proposta kienet tinvolvi biss *Bonds* u serje oħra waħda jew aktar, iżda mhux kollha, tat-titoli ta' dejn affettwati bil-modifika proposta, dik il-modifika *cross-series* titqies

bħala waħda approvata minkejja t-Taqsima 2.2, fir-rigward tal-*Bonds* u t-titoli ta' dejn ta' kull waħda mis-serje li l-modifika tagħhom setgħet kienet approvata skont it-Taqsima 2.2 li kieku l-modifika kienet tinvolvi biss il-*Bonds* u titoli ta' dejn tas-serje l-oħra, hekk iżda li:

(a) qabel ma jkun hemm ir-reġistrazzjoni tad-data tal-modifika proposta *cross-series*, l-Emittent jkun innotifika pubblikament lid-detenturi tal-*Bonds* u ta' titoli ta' dejn affettwati dwar il-kondizzjonijiet li taħthom il-modifika *cross-series* proposta ser titqies bħala approvata, jekk tiġi approvata bil-mod imfisser hawn fuq fir-rigward tal-*Bonds* u uħud, iżda mhux kollha, tas-serje l-oħra affettwati tat-titoli ta' dejn; u

(b) dawk il-modifiki huma sodisfatti fir-rigward tal-modifika proposta *cross-series.*

<u>2.5 Modifika ta' Materja Mhux Riżervata</u>. It-termini u l-kondizzjonijiet tal-*Bonds* u kull ftehim li jirregola l-ħruġ jew l-amministrazzjoni tal-*Bonds* jisgħu', jiġu mmodifikati fir-rigward ta' kull materja minbarra dik riżervata bil-kunsens tal-Emittent; u

(a) bil-vot affermattiv tad-detenturi li jiffurmaw aktar minn 50% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* pendenti rappreżentati waqt laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds* debitament msejħa; jew

(b) b'riżoluzzjoni bil-miktub ffirmata minn jew f'isem id-detenturi ta' aktar minn 50% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* pendenti.

<u>2.6 Muniti Multipli, Obligazzjonijiet Konnessi ma' Indiċi u Obligazzjonijiet tat-Tip Kupun-Żero</u>. Sabiex jiġi determinat jekk modifika proposta ġietx approvata bl-ammont prinċipali meħtieġ tal-*Bonds* u t-titoli ta' dejn ta' waħda jekk aktar minn serje oħra;

(a) jekk il-modifika tinvolvi titoli ta' dejn denominati f'waħda jew aktar muniti, l-ammont prinċipali ta' kull titoli ta' dejn affettwati jitqies bħala ugwali għall-ammont tal-euro li seta jinkiseb fid-data ta' reġistrazzjoni għall--modifika proposta mal-ammont prinċipali ta' dak it-titolu ta' dejn, billi tiġi użata rata ta' kambju tal-euro barranija applikabbli sabiex ikun hemm ir-reġistrazzjoni tad-data ppublikata mill-bank Ċentrali Ewropew;

(b) jekk il-modifika tinvolvi obbligazzjoni konnessa ma' indiċi, l-ammont prinċipali ta' kull waħda mill-obbligazzjonijiet konnessa ma' indiċi għandha tkun ugwali għall-ammont nominali aġġustat;

(ċ) jekk il-modifika tinvolvi obbligazzjoni tat-tip kupun-żero illi qabel ma kinitx tifforma parti komponenti minn obbligazzjoni konnessa ma' indiċi, l-ammont prinċipali ta' kull waħda minn dawn l-obbligazzjonijiet tat-kupun-żero għandha tkun ugwali għall-ammont nominali tiegħu jew, jekk id-data ddikjarata ta' maturità għadha ma seħħitx, il-valur preżenti tal-ammont nominali;

(d) jekk il-modifika tinvolvi obbligazzjoni tat-tip kupun-żero li qabel kienet tikkostiwixxi obbligazzjoni konnessa ma' indiċi, l-ammont prinċipali ta' kull waħda minn dawn l-obbligazzjonijiet tat-tip kupun-żero li qabel kienu jiffurmaw id-dritt sabiex wieħed jirċievi:

> (i) ħlas mingħajr indiċi konnessi tal-ammont prinċipali jew l-imgħax ikun ugwali għall-ammont nominali tiegħu jew, jekk id-data ta' maturità ddikjarata tal-ħlas mingħajr ma jkun konness ma' indiċi ma tkunx għadha seħħet, il-valur preżenti tal-ammont nominali; u

(ii) ħlas mingħajr indiċi konnessi tal-ammont prinċipali jew l-imgħax ikun ugwali għall-ammont nominali aġġustat tiegħu jew, jekk id-data ta' maturità ddikjarata tal-ħlas mingħajr ma jkun konness ma tkunx għadha seħħet, il-valur preżenti tal-ammont nominali aġġustat; u

(e) għall-finijiet tat-Taqsima 2.6:

(i) l-ammont nominali aġġustat ta' xi obbligazzjoni konnessa ma' indiċi u kull parti komponenti ta' obbligazzjoni konnessa ma' indiċi hija l-ammont tal-ħlas li jkun dovut fid-data dikjarata ta' maturità ta' dik l-obbligazzjoni konnessa ma' indiċi jew parti komponenti jekk id-data dikjarata ta' maturità kienet id-data reġistrata għall-modifika proposta, ibbażata fuq il-valur tal-indiċi relatat tad-data reġistrata, publikata minn jew f'isem l-Emittent jew, jekk dan il-valur mhux ippublikat, fuq il-valur interpolat tal-indiċi relatat mad-data reġistrata determinata skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-obbligazzjoni konnessa ma' indiċi, iżda fl-ebda każ m'għandu l-ammont nominali aġġustat ta' din l-obbligazzjoni konnessa ma' indiċi jew parti komponenti jkun inqas mill-ammont nominali sakemm it-termini u l-kondizzjonijiet tal-obbligazzjoni konnessa ma' indiċi jipprovdu li l-ammont ta' ħlas magħmul fuq din l-obbligazzjoni konnessa ma' indiċi jew parti komponenti jistgħu ikunu inqas mill-ammont nominali: u

(ii) l-valur preżenti ta' obbligazzjoni tat-tip kupun-żero jiġi determinat billi jitnaqqas l-ammont nominali (jew, jekk applikabbli, l-ammont nominali aġġustat) ta' dik l-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero mid-data ddikjarata ta' maturità għad-data ta' reġistrazzjoni bir-rata ta' tnaqqis speċifikat billi tintuża l-formula konvenzjonali għad-determinazzjoni tal-għadd ta' ġranet, meta r-rata ta' tnaqqis speċifikata hija;

(x) jekk l-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero ma kienetx qabel tifforma parti komponenti ta' titolu ta' dejn li kien espressament jipprovdi għall-akkumulu ta' imgħax, ir- rikavat ta' maturità ta' dik l-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero mal-ħruġ jew, jekk aktar minn parti waħda ta' dik l-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero tkun inħarġet, ir-rikavat ta' maturità ta' dik l-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero bil-medja artimetika tal-prezzijiet maħruġa kollha tal-obbligazzjonijiet kollha tat-tip kupun-żero ta' dik is-serje ta' obbligazzjonijiet tat-tip kupun-żero peżati bl-ammont nominali tagħhom; u

(y) jekk l-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero kienet qabel parti komponenti minn titolu ta' dejn li kien espressament jipprovdi għall-akkumulu ta' imgħax;

(1) il-kupun fuq dak it-titolu ta' dejn, jekk dak it-titolu ta' dejn jista' jiġi identifikat; jew

(2) jekk dan it-titolu ta' dejn ma jistax jiġi identifikat, il-medja artimetika tal-kupuni kollha fuq it-titoli ta' dejn kollha tal-Emittent (peżati bl-ammonti prinċipali tagħhom) imsemmija hawn aktar 'l isfel li għandhom l-istess data dikjarata ta' maturità bħall-obbligazzjonijiet tat-tip kupun-żero li għandhom jiġu mnaqsa, jew, jekk m'hemmx dan it-titolu ta' dejn, il-kupun interpolat għall-dawn l-għanijiet fuq bażi lineari billi jintużaw it-titoli ta' dejn kollha tal-Emittent (peżati bl-ammonti prinċipali tagħhom) imsemmija hawn aktar 'l isfel li għandhom l-aktar żewġ dati ta' maturità viċini mad-data ta' maturità tal-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero li għandha tiġi mnaqsa, fejn it-titoli ta' dejn li ser jigu użati għall-dan l-għan huma kollha tal-obbligazzjonijiet konnessi ma' indiċi kollha tal-Emittent, jekk l-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero li ser

tiġi mnaqsa kienet qabel tifforma parti ta' obbligazzjoni konnessa ma' indiċi u t-titoli kollha ta' dejn tal-Emittent, (bl-eċċezzjoni ta' obbligazzjonijiet konnessi ma' indiċi u obbligazzjonijiet tat-tip kupun-żero) jekk l-obbligazzjoni tat-tip kupun-żero li ser titnaqqas ma kinietx tifforma parti komponenti ta' obbligazzjoni konnessa ma' indiċi, u f'kull każ hija ddenominata bl-istess munita ta' obbligazzjoni tat-tip kupun-żero li ser tiġi mnaqsa.

<u>2.7 *Bonds* Pendenti</u>; sabiex jiġi determinat jekk id-detenturi tal-ammont prinċipali tal-*Bonds* prinċipali meħtieġa vvutawx favur modifika proposta jew jekk kienx preżenti *quorum* f'xi laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds* msejħa sabiex jivvutaw fuq modifika proposta, *Bond* mhux ser jitqies bħala wieħed pendenti, u ma jistax jiġi vvutat favur jew kontra modifika proposta jew magħdud sabiex jiddetermina jekk il-*quorum* hux preżenti, jekk fid-data li fiha tkun reġistrata l-modifika proposta:

(a) Il-*Bond* ikun preċendentement ġie kkanċellat jew mogħti sabiex jiġi kkanċellat jew miżmum sabiex jerġa jinħareġ, iżda għadu ma reġax inħareġ.

(b) Il-*Bond* kien preċedentement imsejjaħ sabiex jiġi mifdi skont it-termini tiegħu jew qabel kien dovut u pagabbli fid-data ta' maturità jew xort'oħra u l-Emittent kien preċedentement issodisfa l-obbligu tiegħu sabiex jagħmel il-ħlasijiet dovuti fir-rigward tal-*Bond* skont it-termini tiegħu[10]: jew

(ċ) Il-*Bond* huwa miżmum mill-Emittent, minn dipartiment, ministeru jew aġenzija tal-Emittent jew minn korporazzjoni, *trust* jew entità legali oħra li hija kkontrollata mill-Emittent jew dipartiment, ministeru jew aġenzija tal-Emittent u, fil-każ li *Bond* ikun miżmum minn korporazzjoni, *trust* jew entità legali msemmija hawn fuq, id-detentur tal-*Bond* m'għandhux awtonomija sabiex jieħu deċiżjoni fejn:

(i) meta d-detentur ta' *Bond* għall-dawn l-għanijiet ikun l-entità li hija legalment intitolata sabiex tivvota abbażi tal-*Bond* favur jew kontra modifika proposta jew, jekk differenti, l-entità li l-kunsens jew l-istruzzjoni tagħha hija meħtieġa b'kuntratt, direttament jew indirettament, sabiex id-detentur legalment intitolat jivvota abbażi tal-*Bond* favur jew kontra modifika proposta;

(ii) korporazzjoni, *trust* jew entità legali oħra hija kkontrollata mill-Emittent jew minn dipartiment, ministeru jew aġenzija tal-Emittent, jekk l-Emittent jew xi dipartiment, ministeru jew aġenzija tal-Emittent għandhom is-setgħa, direttament jew indirettament, permezz ta' sjieda ta' titoli li jagħtu dritt għall-vot jew ta' interessi oħra ta' sjieda, b'kuntratt jew xort'oħra, sabiex jidderiġi l-immaniġjar ta' jew jeleġġi jew jaħtar maġġoranza tal-bord tad-diretturi jew persuni oħra li jwettqu funzjonijiet simili minflok, jew żjieda għal, il-bord ta' diretturi ta' dik l-entità legali; u

(iii) id-detentur tal-*Bond* għandu l-awtonomija ta' deċiżjoni, jekk, skont il-liġi regoli u r-regolamenti applikabbli, u indipendetement minn kull obbligazzjoni diretta jew indiretta li d-detentur jista' jkollu fir-rigward tal-Emittent:

(x) id-detentur ma jistax direttament jew indirettament, jieħu istruzzjonijiet mill-Emittent dwar kif għandu jivvota fuq modifika proposta; jew

---

[10] Ir-referenza għall-*Bond* li jkun ġie imsejjaħ qabel biex jiġi mifdi għandha tiġi inkluża jekk il-*Bond* jista' jiġi mifdi.

(y) id-detentur, waqt li qiegħed jiddetermina kif ser jivvota fuq modifika porposta, huwa meħtieġ jaġixxi skont l-istandards ta' prudenza oġġettiva, fl-interess tal-partijiet interssati kollha tiegħu jew fl-interesss tad-detentur stess; jew

(z) id-detentur li għandhu dmir fiduċjarju jew dmir simili sabiex jivvota fuq modifika porposta fl-interess ta' persuna waħda jew aktar, minbarra dik il-persuna li ż-żamma tal-*Bonds* min-naħa tagħha (jekk dik il-persuna f'dak iż-żmien kellha *Bonds*) titqies bħala mhux pendenti skont it-Taqsima 2.7

2.8 Titoli ta' Dejn Pendenti. Sabiex jiġi determinat jekk id-detenturi tal-ammont prinċipali meħtieġ tat-titoli ta' dejn pendenti ta' serje oħra vvutawx favur modifika *cross-series* proposta jew jekk kienx hemm *quorum* preżenti f'xi laqgħa tad-detenturi ta' dawk it-titoli ta' dejn imsejħa biex jivvutaw fuq modifika proposta *cross-series*, titolu ta' dejn affettwat għandu jitqies bħala mhux pendenti, u m'għandux jiġi vvutat favur jew kontra modifika *cross-series* proposta jew magħdud sabiex jiġi ddeterminat jekk *quorum* kienx preżenti, skont it-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli ta' dak it-titolu ta' dejn.

2.9 Entitajiet li Għandhom Awtonomija ta' Deċiżjoni. Għal raġunijiet ta' trasparenza, l-Emittent għandu minnufih jippubblika wara t-tħabbir formali mill-Emittent ta' xi modifika proposta tal-*Bonds*, iżda f'ebda każ f'inqas minn għaxart ijiem qabel id-data ta' reġistrazzjoin tal-modifika proposta, lista li tidentifika kull korporazzjoni, *trust* jew entità legali oħra li għall-finijiet tat-Taqsima 2.7(ċ):

(a) f'dak iż-żmien tkun kkontrollata mill-Emittent jew minn dipartiment, ministeru jew aġenzija tal-Emittent;

(b) b'risposta għal talba mill-Emittent, irraportat lill-Emittent li dak iż-żmien hi tkun detentriċi ta' *Bond* wieħed jew aktar; u

(ċ) ma jkollhiex awtonomija ta' deċiżjoni fir-rigward tal-pussess tagħha tal-*Bonds*.

2.10 Bdil u Konverżjoni. Kull modifika debitament approvata tat-termini u l-kondizzjonijiet tal-*Bond* tista' tiġi mplimentata bis-saħħa ta' bdil jew konverżjoni mandatorja tal-*Bonds* għal titoli ta' dejn ġodda li jkun fihom it-termini u l-kondizzjonijiet modifikati jekk il-bdil jew il-konverżjoni proposti jiġu notifkati lid-detenturi tal-*Bonds* qabel id-data ta' reġistrazzjoni l-modifika proposta. Kull konverżjoni jew bdil magħmul sabiex tiġi mplimentata modifika approvata għandha torbot lid-detenturi tal-*Bonds* kollha.

**3. Aġent ta' Kalkolu**

3.1 Ħatra u Responsabbiltà. L-Emittent għandu jaħtar persuna (l-aġent ta' kalkolu) sabiex jikkalkula jekk modifika proposta ġietx approvata mill-ammont prinċipali meħtieġ ta' *Bonds* pendenti u, fil-każ ta' modifika *cross-series* mill-ammont prinċipali meħtieġ tat-titoli ta'dejn pendenti ta' kull waħda mis-serje affettwati tat-titoli ta' dejn. Fil-każ ta' modifika *cross-series*, l-istess persuna għandha tkun maħtura bħala aġent ta' kalkolu għall-modifika proposta tal-*Bonds* u kull waħda mis-serje affettwati tat-titoli ta' dejn l-oħra.

3.2. Ċertifikat. Il-Emittent għandu jipprovdi ċertifikat lill-aġent ta' kalkolu u jippubblika qabel kull laqgħa msejħa sabiex jittieħed vot fuq modifika proposta jew id-data ffissata mill-Emittent għall-iffirmar ta' riżoluzzjoni bil-miktub fir-rigward ta' modifika proposta:

(a) li jelenka l-ammont prinċipali totali tal-*Bonds* u, fil-każ ta' modifika *cross-series,* it-titoli ta' dejn ta' kull waħda mis-serje l-oħra affettwati pendenti fid-data ta' reġistrazzjoni għall-finijiet tat-Taqsima 2.7;

(b) li jispeċifika l-ammont prinċipali totali tal-*Bonds* u, fil-każ ta' modifika *cross-series,* it-titoli ta' dejn ta' kull waħda mis-serje l-oħra affettwati li jitqiesu skont it-Taqsima 2.7(ċ) li mhumiex pendenti fid-data ta' reġistrazzjoni; u

(ċ) li jidentifika d-detenturi tal-*Bonds* u, fil-każ ta' modifika *cross-series*, it-titoli ta' dejn ta' kull waħda mis-serje l-oħra affettwati, imsemmija (b) hawn fuq,

determinati, jekk applikabbli, skont id-dispożizzjoni tat-Taqsima 2.6.

<u>3.3. Dipendenza</u>. L-aġent ta' kalkolu jista' joqgħod fuq kull informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifkat provdut mill-Emittent, u dik l-informazzjoni tkun meqjusa bħala waħda finali u li tortbot l-Emittent u d-detenturi tal-*Bonds* kemm-il darba:

(a) detentur ta' *Bond* affettwat jagħmel oġġezzjoni sostanzjata bil-miktub lill-Emittent fir-rigward taċ-ċertifikat qabel ma jittieħed vot fuq modifika proposta jew qabel l-iffirmar tar-riżoluzzjoni bil-miktub fir-rigward ta' modifika proposta; u

(b) dik l-oġġezzjoni bil-miktub, jekk milqugħa, tkun taffetwa r-riżultat finali tal-vot meħud jew l-iffirmar tar-riżoluzzjoni bil-miktub fir-rigward ta' modifika proposta.

Fil-każ illi oġġezzjoni sostanzjata bil-mitkub tkun konsenjata fil-ħin, kull informazzjoni li jkun qagħad fuqha l-aġent ta' kalkolu għandha xort'oħra titqies bħala waħda finali u li torbot lill-Emittent u d-detenturi tal-*Bonds* jekk:

(x) l-oġġezzjoni tiġi sussegwentement irtirata;

(y) id-detentur tal-*Bond* li kkonsenja l-oġġezzjoni ma ħax azzjoni legali fir-rigward tal-oġġezzjoni quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni kompententi fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-vot meħud jew tar-riżoluzzjoni bil-mitkub ffirmata fir-rigward tal-modifika proposta; jew

(z) qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti sussegwentement tordna jew li l-oġġezzjoni mhijiex sostanzjata jew li f'kull każ ma kienx ser ikollha effett fuq ir-riżultat tal-vot meħud jew fuq l-iffirmar tar-riżoluzzjoni bil-miktub tal-modifika proposta.

<u>3.4 Pubblikazzjoni</u>. L-Emittent għandu jirranġa għall-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-kalkoli magħmula mill-aġent ta' kalkolu fir-rigward ta' modifika proposta minnufih wara li tkun saret il-laqgħa li kkunsidrat dik il-modifika jew, jekk applikabbli fid-data ffissata mill-Emittent għall-iffirmar ta' riżoluzzjoni bil-miktub fir-rigward ta' dik il-modifika.

**4. Laqgħat tad-Detenturi tal-*Bonds*; Riżoluzzjonijiet bil-Miktub**

<u>4.1 Ġenerali</u>. Id-dispożizzjonijiet imniżżla hawn taħt u kull regola addizzjonali addottata u ppublikata mill-Emittent għandhom, sakemm jibqgħu konsistenti mad-dispożizzjonijiet imniżżla hawn taħt, japplikaw għal kull laqgħa tad-detenturi tal-*Bond* li jkunu msejħa sabiex jivvutaw fuq modifika proposta u fuq kull riżoluzzjoni bil-miktub adottata fir-rigward ta' modifika proposta. Kull azzjoni li għandha tittieħed mill-Emittent taħt it-Taqsima 4 tista' minflok tittieħed minn aġent li jaġixxi f'isem l-Emittent.

4.2 Żamma ta’ Laqgħat. Laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds*.

(a) tista’ tiġi mlaqqa’ mill-Emittent f’kull ħin; u

(b) għandha titlaqqgħa mill-Emittent fil-każ li jkun ġara u kompla nuqqas fir-rigward tal-*Bonds* u laqgħa ġiet mitluba bil-miktub mid-detenturi ta’ mhux anqas minn 10% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* pendenti f’dak iż-żmien[11] .

4.3 Avviż dwar Laqgħat. L-avviż li jsejjaħ laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds* għandu jiġi ppublikat mill-Emittent mill-inqas 21 ġurnata mid-data qabel ma sseħħ il-laqgħa jew, fil-każ ta’ laqgħa aġġornata, mill-inqas 14-il ġurnata qabel id-data tal-laqgħa aġġornata. L-avviż għandu:

(a) jiddikjara l-ħin, id-data u l-post fejn ser issir il-laqgħa;

(b) jistabilixxi l-*quorum* u l-agenda għal, u t-test ta’ kull riżoluzzjoni proposta sabiex tiġi addottata fil-laqgħa;

(ċ) jispeċifika d-data reġistrata tal-laqgħa, li għandha tkun mhux aktar minn ħamest ijiem ta’ negozju[12] qabel id-data tal-laqgħa, u d-dokumenti meħtieġa li d-detentur ta’ *Bonds* għandu jipproduċi sabiex ikun intitolat jipparteċipa waqt il-laqgħa;

(d) jinkludi l-forma tal-istrument li għandhu jintuża sabiex jiġi maħtur prokuratur li jaġixxi f’isem id-detenturi tal-*Bonds*;

(e) jistabbilixxi kull regola addizzjonali adottata mill-Emittent biex il-laqgħa tissejjaħ u tinżamm, u jekk applikabbli, l-kondizzjonijiet li taħthom modifika *cross-series* titqies bħala sodisfatta jekk tiġi approvata fir-rigward ta’ xi uħud mis-serje affettwati iżda mhux kollha ta’ titoli ta’ dejn; u

(f) jidentifika l-persuna maħtura bħala l-aġent ta’ kalkolu għal kull modifika proposta li ser tiġi vvutata waqt il-laqgħa.

4.4 Sedja. Is-Sedja ta’ kull laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds* għandha tkun maħtura;

(a) mill-Emittent;

(b) jekk l-Emittent jonqos milli jaħtar is-sedja jew il-persuna nominata mill-Emittent ma tkunx preżenti waqt il-laqgħa, mid-detenturi li għandhom aktar minn 50% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* li jkunu f’dak iż-żmien pendenti u rappreżentati waqt il-laqgħa.

4.5 *Quroum*. L-ebda tranżazzjoni ma tista’ ssir fi xi laqgħa fin-nuqqas ta’ *quorum* barra fil-każ tal-għażla tas-sedja jekk din ma tkunx ġiet maħtura mill-Emittent. Il-*quorum* waqt kull laqgħa li fiha d-detenturi tal-*Bonds* ser jivvutaw fuq modifika proposta, fir-rigward ta:

(a) materja riżervata għandhu jkun ta’ persuna jew aktar preżenti li jkollhom mhux anqas minn 66 2/3% tal-ammont totali prinċipali total tal-*Bonds* pendenti f’dak iż-żmien; u

---

[11] Għandha tiġi inkluża jekk il-*Bonds* ikun fihom ġrajjiet dwar nuqqas.
[12] Il-frażi “jum ta’ negozju” tiġi imfissra x’imkien ieħor fid-dokumentazzjoni tal-*Bond*.

(b) materja minbarra dik riżervata għandhu jkun ta' persuna waħda jew aktar preżenti u li jkollhom mhux anqas minn 50% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* pendenti f'dak iż-żmien.

4.6 Aġġornament ta' Laqgħat. Jekk ma jkunx hemm *quorum* preżenti fi żmien tletin minuta tal-ħin appuntat għal laqgħa, il-laqgħa tista' tiġi aġġornata għall-perjodu ta' mhux aktar minn 42 jum u mhux anqas minn 14-il ġurnata kif jiġi determinat mis-sedja tal-laqgħa. Il-quorum għall-kull laqgħa aġġornata għandu jkun ta' persuna waħda jew aktar preżenti u li jkollhojm:

(a) mhux anqas minn 66 2/3% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* pendenti f'dak iż-żmien fil-każ ta' modifika proposta ta' materja riżervata; u

(b) mhux anqas minn 25% tal-ammont totali prinċipali tal-*Bonds* pendenti f'dak iż-żmien fil-każ ta' modifika ta' materja mhux riżervata.

4.7 Riżoluzzjonijiet bil-Miktub. Riżoluzzjoni bil-miktub ffirmata minn jew f'isem id-detenturi tal-maġġoranza ta' *Bonds* meħtieġa għandha tkun valida għall-għanijiet kollha daqs li kieku kienet riżoluzzjoni approvata waqt laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds* debitament mlaqqgħa u magħmula skont dawn id-dispożizzjonijiet. Riżoluzzjoni bil-miktub tista tiġi stabbilita f'dokument wieħed jew aktar fl-istess forma kull wieħed minnhom iffirmat minn jew għall-wieħed jew aktar mid-detenturi tal-*Bonds*.

4.8 Dritt għall-Vot. Kull persuna li hija d-detentur ta' *Bond* pendenti fid-data reġistrata għall-modifika proposta, u kull persuna li hija debitament maħtura bħala prokuraatur minn detentur ta' *Bond* pendenti fid-data reġistrata għall-modifika propsota, jkollha d-dritt li tivvota fuq modifika proposta waqt laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds* u sabiex tiffirma riżoluzzjoni bil-miktub fir-rigward tal-modifika proposta.

4.9 Votazzjoni. Kull modifika proposta għandha tkun sottomessa għall-vot tad-detenturi tal-*Bonds* pendenti rappreżentati waqt laqgħa debitament imsejħa jew għall-vot tad-detenturi tal-*Bonds* pendenti permezz ta' riżoluzzjoni bil-miktub mingħajr il-bżonn ta' laqgħa. Detentur jista' jitfa' l-vot tiegħu fuq kull modifika proposta, ugwali għall-ammont prinċipali tal-*Bonds* pendenti tad-detentur. Għal dawn l-għanijiet:
(a) fil-każ ta' modifika *cross-series* li tinvolvi titolu ta' dejn denominat f'aktar minn munita waħda, l-ammont prinċipali ta' kull titolu ta' dejn għandu jiġi determinat skont it-Taqsima 2.6(a);

(b) fil-każ ta' modifika *cross-series* li tinvolvi obbligazzjoni konnessa ma' indiċi, l-ammont prinċipali ta' kull waħda minn dawn l-obbligazzjonijiet konnessa mal-indiċi għandu jkun determinat skont it-Taqsima 2.6(b);

(ċ) fil-każ ta' modifika *cross-series* li tinvolvi obbligazzjoni tat-tip kupun-żero li qabel ma kinietx tifforma parti komponenti ta' obbligazzjoni konnessa ma' indiċi, l-ammont prinċipali ta' kull obbligazzjoni tat-tip kupun-żero għandu jiġi determinat skont it-Taqsima 2.6(ċ);

(d) fil-każ ta' modifika *cross-series* li tinvolvi obbligazzjoni tat-tip kupun-żero li kienet tifforma parti komponenti ta' obbligazzjoni konnessa mal-indiċi, l-ammont prinċipali ta' kull obbligazzjoni tat-tip kupun-żero għandu jiġi determinat skont it-Taqsima 2.6(d);

4.10 Prokura. Kull detentur ta' *Bond* pendenti jista', permezz ta' strument bil-miktub esegwit f'isem id-detentur u mogħti lill-Emittent f'mhux anqas minn 48 siegħa qabel il-ħin stipulat

għal laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds*, jew l-iffirmar ta' riżoluzzjoni bil-miktub, jaħtar persuna (prokuratur) sabiex taġixxi f'isem id-detentur waqt kull laqgħa tad-detenturi tal-*Bonds* li fiha d-detentur huwa intitolat jivvota jew għandu d-dritt jiffirma riżoluzzjoni bil-miktub. Il-ħatra ta' prokuratur li ma tkunx tosserva l-forma mehmuża mal-avviż tal-laqgħa ma tkunx valida għal dawn l-għanijiet.

4.11 Effetti Legali u Revoka tal-Prokura. Prokuratur debitament maħtur skont id-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq għandu, bla ħsara għat-Taqsima 2.7 u sakemm il-ħatra tibqa' fis-seħħ, jitqies bħala (u l-persuna li taħtha dak il-prokuratur ma titqiesx li hi) id-detentur tal-*Bonds* li għalihom tirreferi l-ħatra u kull vot mogħti mill-prokuratur ikun validu minkejja r-revoka jew emenda minn qabel tal-ħatra ta' dak il-prokuratur, kemm-il darab l-Emittent ma jkunx irċieva avviż jew ma jkunx ġie xort'oħra infurmat dwar ir-revoka jew l-emenda mill-inqas minn 48 siegħa qabel il-ħin iffisat għall-bidu tal-laqgħa li fiha l-prokuratur bi ħsiebu jagħti l-vot tiegħu jew, fejn applikabbli, l-iffirmar ta' riżoluzzjoni bil-miktub.

4.12 Effett li jorbot. Riżoluzzjoni debitament approvata waqt laqgħa tad-detenturi mlaqqgħa u miżmuma skont dawn id-dispożizzjonijiet, u riżoluzzjoni bil-miktub debitament ffirmata mill-ammont meħtieġ ta' detenturi ta' *Bonds*, torbot fuq id-detenturi tal-*Bonds* kollha, kemm jekk id-detentur ikunx preżenti fil-laqgħa jew le, ivvotax favur jew kontra r-riżoluzzjoni u ffirmax ir-riżoluzzjoni bil-miktub.

4.13 Pubblikazzjoni. L-Emittent għandu mingħajr telf ta' żmien jippubblika r-riżoluzzjonijiet kollha debitament adottati u r-riżoluzzjonijiet bil-miktub.

**5. Publikazzjoni**

5.1 Avviżi u Materji Oħra. L-Emittent għandu jippubblika l-avviżi kollha u l-materji l-oħra meħtieġa għall-pubblikazzjoni skont id-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq:

(a) fuq (*daħħal* il-*website* tal-Emittent għal avviżi finanzjarji)

(b) permezz ta' (*daħħal* is-sistema ta' *clearing*)[13], u

(ċ)f'kull post ieħor, inklużi fi (*daħħal* il-gazzetta uffiċjali tal-Emittent) u b'kull mod ieħor oħra li jista' jiġi meħtieġ skont il-liġi jew regolamenti applikabbli.

[13] Għandha tiġi inkluża jekk il-*Bonds* jiġu *cleared* permezz ta' sistema ta' depożitu ċentrali.